C/2025/3369

18.6.2025

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11994 – BCI / ETHOS / OTPP / BROADSTREET)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/3369)

1. Fl-10 ta' Ġunju 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— British Columbia Investment Management Corporation ("BCI", il-Kanada),

— Ethos Capital LP ("Ethos Capital", l-Istati Uniti), ikkontrollata minn Ethos Capital GP LLC (l-Istati Uniti),

— Ontario Teachers' Pension Plan Board ("OTPP", il-Kanada).

BCI, Ethos Capital, u OTPP se jakkwistaw, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) u 3 (4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll konġunt ta' BroadStreet Partners, Inc. ("BroadStreet", jew "l-impriża konġunta").

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— BCI hija aġent tal-Gvern tal-British Columbia fil-Kanada, li f'isem il-klijenti tagħha, tinvesti f'firxa ta' klassijiet ta' assi, inkluż introjtu fiss, ekwitajiet pubbliċi, ekwità privata, infrastruttura, riżorsi rinnovabbli, proprjetà immobbli u ipoteki kummerċjali,

— Ethos Capital hija ditta ta' investiment globali li tagħmel investimenti ta' maġġoranza u ta' kontroll minoritarju f'kumpaniji tas-suq medju, primarjament madwar l-Amerka ta' Fuq u l-Ewropa,

— OTPP hija korporazzjoni mingħajr kapital azzjonarju inkorporata skont l-Att dwar il-Pensjoni tal-Għalliema (Ontario). Hija għandha x'taqsam mal-amministrazzjoni globali tal-benefiċċji tal-pensjoni u l-investiment globali tal-assi tal-pjan tal-pensjoni f'isem l-għalliema attivi u rtirati f'Ontario, il-Kanada.

3. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriża konġunta huma:

— BroadStreet hija senserija ta' assigurazzjoni tas-suq medju ffokata fuq assigurazzjoni kummerċjali u personali ta' diżgrazzji u benefiċċji tal-impjegati. L-attivitajiet tagħha huma kważi esklussivament fl-Istati Uniti u fil-Kanada. BroadStreet bħalissa hija kkontrollata biss mill-OTPP.

4. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]) ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

5. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.11994 — BCI / ETHOS / OTPP / BROADSTREET

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-posta elettronika jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË